MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1399/2004

**Paolo Bonnici Limited u b'digriet tat-Tribunal tal-15 ta' Lulju 2004, s-socjeta Paolo Bonnici Limited giet sostitwita bis-socjeta Stivala Limtied**
**vs**

**Mark Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Lulju, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u sebgha u hamsin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm257.40) rappresentanti bilanc minn somma akbar ghal prezz ta' merkanzija varja konsistenti f'xork mibjugha u ikkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali datata 25 ta' Mejju 2004 u bl-imghax legali sal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mitejn u sebgha u hamsin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm257.40), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------